

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Promotora Imperial, SA

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark Komunitarja verbali "i-hotel" għal prodotti u servizzi fil-klassi 16, 41 u 43

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni parzjalment milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li ma teżisti ebda probabbiltà ta' konfużjoni fost it-trade marks kunfliġġenti. Il-Bord tal-Appell afferma b'mod żabalj li hemm xebħi bejn il-prodotti u s-servizzi kkċċernati kif ukoll bejn it-trade marks kunfliġġenti.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2011 — Ewald vs UASI
— Kin Cosmetics (Keen)**

(Kawża T-280/11)

(2011/C 238/36)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Rita Ewald (Frauenwald, il-Ġermanija) (rappreżentant: S. Reinhardt, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Kin Cosmetics, SA (Sant Feliu de Guixols, Spanja)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Marzu 2011 fil-Każ Nru R 1383/2010-1;
- tiċċad l-oppożizzjoni Nru B 1359944 magħmula quddiem l-UASI fl-24 ta' Luju 2008 minn KIN COSMETICS, SA kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark EM 006 498 621 "Keen";
- sussidjārjament, fil-każ fejn il-Qorti Ġeneral ma tistax tieħu deċiżjoni abbażi tat-tieni inċiż: tirrinvija l-kawża quddiem l-UASI;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, kif ukoll lil KIN COSMETICS sa fejn din tal-aħħar tkun parti mill-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Ewald

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "Keen" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3 u 44 — Reġistrazzjoni Nru 6 498 621

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Kin Cosmetics, SA

Trade mark jew sinjal invokat: trade marks Komunitarji u nazzjonali, verbali u figurattivi, "KIN", "KinBookS", "KINWORKS" u

"KINSTYLIUM" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5, 35 u 44

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: rikors miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li ma hemm ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.

Appell ippreżzentat fit-3 ta' Ġunju 2011 minn Diego Canga Fano kontra s-sentenza mogħtija fl-24 ta' Marzu 2011 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-104/09, Canga Fano vs Il-Kunsill

(Kawża T-281/11 P)

(2011/C 238/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Diego Canga Fano (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati)

Appellat: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara l-appell bħala ammissibbli;
- tannulla s-sentenza mogħtija fl-24 ta' Marzu 2011 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, fil-Kawża F-104/09;
- tilqa' t-talbiet għal annullament u għal kumpens imressqa mill-appellant quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-appellant, sodisfatt bl-annullament tas-sentenza appellata, ikun dispost li jaċċetta EUR 1 simboliċlu bħala kumpens għad-danni li ġew ikkawżati lili;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka aggravju wieħed maqsum fi tliet partijiet u bbaż-żgħi fuq żball ta' liġi.

— Fir-rigward tal-ewwel parti, l-appellant isostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku interpreta d-dispożizzjonijiet applikabbli kuntrajamento għal kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali fil-ġurisprudenza tagħhom dwar is-setgħa diskrezzjonal tal-Awtorità tal-Ħatra (punti 35 u 36 tas-sentenza kkontestata).

— Fir-rigward tat-tieni parti, l-appellant jinvoka li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wasal għal konklużjonijiet mhux fondati fid-dritt waqt l-istħarriġ tiegħu tal-iż-żball manifest ta' evalwazzjoni (punti 48, 51, 52, 58, 78, u 79) u kkontradixxa l-kriterji tiegħu stess li bihom huwa għandu l-intenzjoni li jissostitwixxi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġeneral.